# Kumitat Amministrattiv SWATAR
**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 2/2010

Data: It-Tnejn, 2 ta' Awwissu 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra *(kien skużat u wasal fis-6:pm)*
Jane (Yvonne) Spiteri *(kienet skużata u waslet fis-5:45pm)*
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Mar Abdilla – Kunsillier ta' Birkirkara
Clifton Grima – Sindku ta' L-Imsida *(kien skużat u wasal fis-6:10pm)*
Margaret Baldacchino Cefai – Viċi Sindku ta' L-Imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Komunikazzjoni miċ-Chairman
6. Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat
7. Konfini tas-Swatar
8. Memos – Deadlines
9. Isem taż-Żona – Swatar/tal-Qattus
10. Affarijiet Oħra
11. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 2/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 2/2010**

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm billi ntqalet talba miċ-Chairman.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 1/2010 li saret nhar it-12 ta' Lulju 2010, kienu tqassmu u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm ebda korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.1 Fuq punt 6.6 tal-minuti, Iċ-Chairperson staqsiet lill-Aġent Segretarju jekk hux korrett li l-ilmenti mir-residenti jibqgħu immorru u jieħdu ħsiebhom il-Kunsill u jekk ma jiġux attwati biss, jitressqu għand il-Kumitat.

3.2 L-Aġent Segretarju wieġeb li kull ilment li jidħol għand il-Kunsill u li għandu x'jaqsam mas-Swatar, jekk ikun ta' natura urġenti u li m'hemmx bżonn ta' approvazzjoni mill-Kumitat, il-Kunsill jaġixxi fuqu u l-Kumitat kulma jiġi notifikat biss. Jekk l-ilment ikun jeħtieġ approvazzjoni tal-Kumitat, dan l-ilment jieqaf il-proċess tiegħu sakemm il-Kunsill ikollu approvazzjoni mil-Kumitat ta' kif għandu jmexxi.

## 4. Korrispondenza

4.1 l-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat għad-diskussjoni il-korrispondenza li rċieva mil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Dawn kienu ilmenti mir-residenti tas-Swatar kif ukoll emails ta' ilmenti mir-residenti li bagħat l-Aġent Segretarju stess lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. L-ilmenti u d-deċiżjoni li ħa l-Kumitat fuqhom kienu kif ġej:

4.2 **ILMENT** – 20 metru *Double Yellow Line* fi Triq it-Torri faċċata ta' AME (6577) - Biex jiġu estiżi għall-iktar żmien jew jitneħħew. Double Yellow Lines

4.2A L-Aġent Segretarju spjega li dawn il-linji sofor ġew miżbugħa temporanjament peress li kienu qed isiru xi xogħolijiet. Dawn ix-xogħolijiet tlestew u dawn il-linji s-sofor baqgħu hemm b'konsegwenza li min qed jipparkja hemm, qed jaqla ċitazzjoni. Il-Kumitat iddeċieda li dawn il-linji sofor jitneħħew peress li m'hemmx aktar bżonnhom u minflok isiru *parking bases*.

4.3 **ILMENT** – Issir *sleeping police* fi Triq il-Qanpiena k/m Triq il-Graffiti Navali (6571)

*Sleeping Police*

4.3A L-Aġent Segretarju spjega li resident li għandu garaxx hemm qed jibża joħroġ il-vettura mill-garaxx peress illi minn mindu saru is-sinjali ta' *one ways* fit-toroq tal-ġenb, qed jgħaddu sparati u ma jnaqqsux il-veloċita' meta jgħaddu fit-triq tiegħu. L-Aġent Segretarju kompla jispjega li kif inhu indikat mid-deskrizzjoni tal-ilment u kif inhu meħud ir-ritratt, dan l-ilment ma jinftiehimx. Għaldaqstant il-Kumitat iddeċieda li peress li min għamel l-ilment ma ħalliex dettalji tiegħu u l-Kumitat ma jistax jikkuntattjah, id-deċiżjoni tittieħed meta minn għamel l-ilment jerġa jmur għand il-Kunsill u jittieħdulu id-dettalji. B'hekk il-Kumitat ikun jista jiċċara l-ilment u jkun jista' jiddeċiedi.

4.4 **ILMENT** – Arblu ta' l-Enemalta biex jitneħħa fi Triq Paul Borg Olivier faċċata tal-Ħanut Sweetooth (6588).

Arblu u Fanal *Wall Hanging.*

4.4A L-Aġent Segretarju spjega li dan l-arblu m'għadx hemm il-bżonn tiegħu peress illi issa il-bini kollu telgħa u l-wires li qegħdin ma' l-arblu jistgħu faċilment jitwaħħlu mal-faċċata tad-djar. Barra minn hekk, ġo din it-triq m'hemmx dawl u hemm bżonn li jsir fanal *wall hanging* ma' l-istess faċċata. Il-Kumitat iddeċieda li l-arblu jitneħħa u jitwaħħal il-fanal pero' qabel, irid ikun hemm qbil mir-residenti u dan għandu jsir bil-miktub.

4.5 Kien hemm ilmenti oħra li l-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat u li ġew magħluqa mill-Kunsill Lokali Birkirkara peress li ma kienx hemm bżonn li jiġu diskussi mill-Kumitat. Dawn Kienu:

4.5.1 **6601** – Ilma ħiereġ minn ġol Flats quddiem id-dar Fdera fi Triq il-Qanpiena. Il-Kunsill qed jistenna risposta mill-WSC.

Ilma ħiereġ mill-Flats.

4.5.2 **6623** – Bozza maqtugħa quddiem id-Dar Fiorela fi Triq Luigi Onofrio. Il-Kunsill bidel din il-bozza.

Bozoz Maqtugħa.

4.5.3 **6589** – Bozza tteptep fi Triq Mon Ġużeppi Busuttil ħdejn Kalinka House. Il-Kunsill bidel din il-bozza.

4.5.4 L-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat lista ta' rendikont ta' Skart Goff li nġabar matul ix-xahar ta' Lulju 2010.

Ġbir ta' Skart Goff.

4.6 Iċ-Chairman spjegat illi fi triq Gużе Ellul Mercer qed ikun hemm il-periklu kbir li qed isiru ħafna inċidenti fiha. Il-Viċi Chairman spjega lill-Kumitat kif qegħda s-sitwazzjoni tat-triq kif ukoll kif għandna tiġi bħala *traffic management*. Saret diskussjoni fuq din it-triq. Is-Sindku ta' L-imsida ssuġġerixxa li issir *traffic management* mill-Perit tal-Kunsill fuq is-sinjali tat-triq, imbagħad il-Kumitat jiddeċiedi fuq is-suġġerimenti tal-perit u b'hekk ikun hemm opinjoni minn espert. Il-Kumitat qabel ma din id-deċiżjoni.

*Traffic management* fi Triq Guċe Ellul Mercer.

4.7 Il-Viċi Chairman issuġġerixxa wkoll illi fi Triq il-Ġostra issir mill-ġdid. Qamet diskussjoni fuqha u peress li l-Kumitat ikkonkluda li għar-raġuni li din it-Triq qatt ma saret bit-tarmak, din it-Triq trid issir mill-Gvern Ċentrali.

Triq il-Ġostra issir bit-tarmak.

4.8 Is-Sindku ta' L-imsida spjega li fi Triq Indri Grima hemm bżonn urġenti ta' *sleeping policeman* għax qed ikun hemm il-periklu fit-Triq. Is-Sindku qal ukoll li dawn inxtraw u kullma hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kumitat sabiex dawn jitwaħħlu. Dawn iż-żewġ *sleeping policeman* jiġu bejn wieħed u ieħor €900. Qamet diskussjoni fuq jekk il-Kumitat għandux fondi biex isiru l-*isleeping policemen*. Is-Sur Rudolph Cini issuġġerixxa li din d-diskussjoni titkompla wara li tiġi eżawrita item 6 tal-Aġenda. (tkompli Item 6.2)

*Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima.

## 5. Komunikazzjoni miċ-Chairman

5.1 Iċ-Chairman issuġġeriet li din l-item tinqabeż u ssir wara item 6. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6. Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat

6.1 L-Aġent Segretarju spjega lill-Kumitat illi bħalissa għadu qed jiddiskuti maż-żewġ Segretarji Eżekuttivi kemm għandu jkun il-Budget tal-Kumitat. Barra minn hekk, l-Aġent Segretarju għandu jiltaqa' mas-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll mal-Accountants tagħhom sabiex il-Budgets jiġu diskussi fid-dettall. L-Aġent Segretarju kompla jispjega illi hu ser jiskrutinja iż-żewġ budgets tal-Kumitat li saru mill-Kunsilli Lokali ta' L-imsida u ta' Birkirkara sabiex ikun ċert illi qed jitnaqqsu spejjeż mill-fondi tal-Kumitat kif suppost. Il-proċess qed jieħu fit-tul peress illi mhux ħaġa faċli li jiġu skrutinizzati żewġ budgets u għar-raġuni li din hija xi ħaġa ġdida. L-Aġent Segretarju qal li ser jipprova jagħmel minn kollox sabiex sal-laqgħa li jmiss jiġi preżentat il-budget, jiġi spjegat lill-Kumitat, diskuss u finalment jekk kullħadd jaqbel, jiġi approvat.

6.2 Fir-rigward ta' l-*isleeping policeman* fi triq Indri Grima, il-Kumitat iddeċieda li, peress li huma urġenti għax hemm il-periklu, dawn għandhom isiru imbagħad kif ser jiġu ffinanzjati tiġi diskussa kif jitlestew il-Budgets tal-Kumitat.

Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima. (Tkompli)

## 5. Komunikazzjoni miċ-Chairman (tkompli)

5.1 Iċ-Chairman, tkellmet fuq il-laqgħa li l-Kumitat kellu mal-kappillan tal-Parroċċa San Ġorġ Preca tas-Swatar. Din kienet kordjali ħafna fejn il-Kappillan lest li jgħinna fl-attivitajiet basta jkunu għal-benefiċċju taż-żona u mhux partiġġjani. Qalet ukoll li l-Kappillan ta lill-Kumitat lista ta' suġġerimenti li dawn ser jiġu evalwati u diskussi ftit ftit matul il-laqgħat tal-Kumitat.

Laqgħa mal-Kappillan

5.2 Iċ-Chairman qalet li l-Kunsill ta' Birkirkara talabha sabiex tagħmel artiklu li ser jidher fuq il-*Magazine* ta' Leħen il-Kunsill. L-Artiklu kien miktub f'isem iċ-Chairman pero fih issemma l-Kumitat kollu billi rringrazzjat lir-residenti kollha tas-Swatar. Qalet ukoll li tixtieq li fil-*magazines* taż-żewġ Kunsilli kull membru tal-Kumitat jibda jikteb artiklu. Il-Kunsillier Mark Abdilla issuġġerixxa li din issir *by rotation* ħalli kulħadd ikun jista' jagħti sehmu. Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa wkoll li parti mix-xogħol tal-Kumitat jkollu daqxejn pubbliċita u forsi iktar 'l quddiem anka l-Kumitat ikollu l-*magazine* tiegħu.

*Magazine* tal-Kunsill Lokali Birkirkara.

5.3 Iċ-Chairman qalet ukoll li l-Kunsill ta' Birkirkara stieden lill-Kumitat kollu sabiex jattendi għall-laqgħa li jmiss tagħhom. Barra minn hekk, anki l-Kunsill ta' L-Imsida għandu l-istess stedina tiegħu.

5.4 Iċ-Chairman semmiet problema li hemm fit-taraġ li tagħti għall-Valley Road u l-Bus Shelter li hemm ġo Valley Road. Il-Kumitat ikkonkluda li Valley Road taqa' taħt il-Gvern Ċentrali. Is-Sindku ta' L-imsida ikkummenta fuq is-sistema tad-drenaġġ li hemm Valley Road u la taqa' taħt il-Gvern Ċentrali il-Kunsilli ma jistgħux imissuha. Is-Sindku ta' L-Imsida issuġġerixxa li issir pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali li anka tista' ssir ittra mill-Kumitat flimkien maż-żewġ Kunsilli ħalli l-ittra jkollha iktar saħħa.

Valley Road

5.5 Iċ-Chairman tkellmet fuq Triq il-Qattus. Fejn l-iskips qed ikun hemm ħafna skart mad-dawra tagħhom li saħansitra ġieli joħroġ sa nofs it-triq. Hemm xi ħadd li jiġi b'xi vann jew trakk u jitfa kollox ġo l-iskips li jimliha kollha. Il-Kumitat ikkonkluda li din hija problema għax jekk tagħmel CCTV camera ser tiswa għalxejn għax biex jeħel min qbadt trid iddaħħlu l-Qorti. Barra minn hekk jekk ġġib Warden, dan jiswa ħafna flus.

Triq il-Qattus

## 7. Konfini tas-Swatar

7.1 L-Aġent Segretarju informa lill-Kumitat li rċieva direttiva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kumitati Amministrattivi jistgħu jibgħatu proposti biex ibiddlu l-konfini taż-żoni tagħhom.

7.2 Is-Sur Rudolph Cini issuġġerixxa li din l-Item ta' l-Aġenda tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss wara li l-Aġent Segretarju jibgħat lill-Membri tal-Kumitat *siteplan* tas-Swatar kif ukoll lista tat-toroq. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 8. Memos – Deadlines

8.1 L-Aġent Segretarju informa lill-Kumitat li hemm żewġ Memos li ser jagħlqu dalwaqt. Dawn jirrigwardjaw fuq applikazzjonijiet li l-Kumitat jista jibgħat fuq proġetti u attivitajiet sabiex dawn jiġu iffinanzjati mill-Gvern.

8.2 Memo 94/2010 dwar proġetti jew attivitajiet mill-Kumitati Amministrattivi li jridu jsiru matul is-sena 2010. Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li għandu jitranġa l-Bandli tas-Swatar. Din il-proposta intigħġbot mil-Kumitat u iddiskuta x'jista jsir fil-bandli. Il-Kumitat iddeċieda li bħala proġett, għandu jsir tisbiħ u manutenzjoni tal-Bandli tas-Swatar fi Triq il-Balliju ta' Guttenberg . Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jiltaqgħu fil-bandli u jaraw eżattament x'ser jiġi nkluż fil-proġett sabiex l-Aġent Segretarju jkun jista jitlob għall-stimi ħalli jkun jista jara kemm ser jiswa l-proġett u jibgħat l-applikazzjoni. Memo 94/2010

8.3 Memo 95/2010 dwar Skema dwar inizjattiva ta attivitajiet 2011. Qamet diskussjoni peress illi s-Swatar hija żona ġdida, hija diffiċli li torganizza attivita' li jkun fiha element kulturali. Il-Kumitat iddeċieda li peress illi l-applikazzjonijiet jagħlqu f'Settembru, dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Memo 95/2010

## 9. Isem taż-Żona – Swatar/tal-Qattus

9.1 Iċ-Chairman qalet li r-residenti qed jibżgħu li l-Kumitat irid ineħħi l-isem ta' Birkirkara u tal-Qattus bħala isem taż-żona tas-Swatar. Isem iz-Zona

9.2 Il-Kumitat jikkonferma li l-ismijiet ser jibqgħu SWATAR BIRKIRKARA u SWATAR IMSIDA.

9.2 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li nitolbu parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk ma nistgħux nibgħatu ittra lill-kull resident tas-Swatar sabiex ninfurmawhom bl-isem propju taż-żona u jekk ma jaqawx taħt l-Imsida jew Birkirkara. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 10. Affarijiet Oħra

10.1 Is-Sinjorina Yvonne Spiteri qalet li r-residenti tas-Swatar qed jistaqsu jekk m'hemmx il-possibilta' li fis-Swatar issir festa ta' San Ġorġ. Yvonne spjegat li l-Kappillan qal lill-Kumitat li l-Arċisqof mhux qed joħroġ iktar permessi għall-aktar festi esterni ġodda. Għaldaqstant, il-Festa tista ssir biss interna. Festa San Ġorġ

10.2 Is-Sinjorina Yvonne Spiteri semmiet li fejn il-flats imsemmija *little Gozo* hemm bins li qed jagħmlu ħafna rwejjaħ. Il-Kumitat qabel li ssir email lis-Segretarju Eżekuttiv ta' L-imsida bid-dettalji sabiex jindaga fuqha. Little Gozo

10.3 l-Aġent Segretarju informa liċ-Chairman li għandu ma rċieva ebda risposta fuq l-emails li ntbagħtu fir-rigward tal-Kampanja fuq *First Aid.* Kampanja fuq *First Aid*

10.4 Iċ-Chairman qalet li irid isir xi ħaġa fuq ir-roundabouts għax l-annimali qed jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom fuq ir-roundabouts.

10.5 Is-Sur Mario Xuereb preżenta lista ta' proposti ta' xogħol li l-Kumitat għandu jiddiskuti biex isiru ġewwa s-Swatar. Issuġġerixxa wkoll li fil- Proposti mis-Sur Mario Xuereb.

Magazine Flimkien, li jitqassam lill-kull resident, għandhom jitniżżlu l-kuntatti kollha ta' kull membru fil-Kumitat.

10.6 Iċ-Chairman issuġġeriet li lejn l-aħħar tas-sajf, issir attivita' għaż-żagħżagħ fejn inlaqgħuhom mal-Pulizija u jsiru talks edukattivi kif jitbedu mid-droga.

10.7 Is-Sinjorina Yvonne Spiteri issuġġeriet li issir attivita' imsejħa *'Traffic Awairness Day'* fejn isiru talks iffukati fuq age group bħal-child abuse, sex abuse u ħafna aktar.

## 11. Aġġornament

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:00pm għat-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010 ġewwa l-Kunsill Lokali ta' L-imsida.

____________________ ____________________

Chairperson, KAS Aġent Segretarju, KAS

__________________________

Data

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **4.2** | Ilment Nru. 6577 | Il-Kumitat iddeċieda li dawn il-linji sofor jitneħħew u minflok isiru parking bases. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **4.3** | Ilment Nru. 6571 | Il-Kumitat iddeċieda li peress li min għamel l-ilment ma ħalliex dettalji tiegħu u l-Kumitat ma jistax jikkuntattjah, id-deċiżjoni tittieħed meta minn għamel l-ilment jerġa jmur għand il-Kunsill u jittieħdulu id-dettalji. | Kunsill Lokali Birkirkara |
| **4.4** | Ilment Nru. 6588 | Il-Kumitat iddeċieda li l-arblu jitneħħa u jitwaħħal il-fanal pero' qabel, irid ikun hemm qbil mir-residenti u dan għandu jsir bil-miktub. | Kumitat Amministrattiv Swatar<br>Kunsill Lokali Birkirkara |
| **4.9** | Triq Guże Ellul Mercer | Il-Kumitat iddeċieda li ssir *Traffic Management* mil-Perit (Sinjali tat-Toroq Biss). | Kunsill Lokali L-Imsida |
| **6.2** | Triq Indri Grima | Il-Kumitat iddeċieda li, peress li huma urġenti għax hemm il-periklu, dawn għandhom isiru imbagħad kif ser jiġu finanzjati tiġi diskussa kif jitlestew il-Budgets tal-Kumitat. | Kunsill Lokali L-Imsida |
| **7.2** | Konfini | L-Aġent Segretarju jibagħat lill-Membri tal-Kumitat *siteplan* tas-Swatar kif ukoll lista tat-toroq | Aġent Segreatrju Eżekuttiv |
| **8.2** | Proġett Bandli | Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jiltaqgħu fil-bandli u jaraw eżattament x'jista jitranġa sabiex l-Aġent Segretarju jkun jista jitlob għall-stimi ħalli jkun jista jara kemm ser jiswa l-proġett. | Kumitat Amministrattiv Swatar<br>Kunsill Lokali L-Imsida<br>Aġent Segreatrju Eżekuttiv |
| **8.3** | Memo 95/2010 | Il-Kumitat iddeċieda li peress illi l-applikazzjonijiet jagħalqu f'Settembru, dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. | Kumitat Amministrattiv Swatar |
| **9.2** | Isem iż-Żona | Nitolbu parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk ma nistgħux nibgħatu ittra lill-kull resident tas-Swatar sabiex ninfurmawhom bl-isem propju taż-żona u jekk ma jaqawx taħt l-Imsida jew Birkirkara. | Aġent Segreatrju Eżekuttiv |
| **10.2** | Ilment, Flats *little Gozo* | Il-Kumitat qabel li ssir email lis-Segretarju Eżekuttiv ta' L-imsida bid-dettalji sabiex jindaga fuqha. | Kunsill Lokali L-Imsida |